**A.L. 9 ta' l-2004**

## KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

## KODIĊI ĊIVILI (KAP. 16)

**Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja).**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 193A u 470 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u bl-artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili, il-Ministru għall-Ġustizzja u Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) A.L. 397 ta' l-2003. (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) , hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru, 2003.

Emenda ta' regolament 1 tar-regolamenti prinċipali u tat-titolu tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali u fit-titolu tar-regolamenti prinċipali l-kliem "Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Prim' Awla tal-Qorti Ċivili".

Żieda ta' regolament 13 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol ir-regolament 13 ġdid li ġej:-

"Disposizzjoni transitorja. A.L. 396 ta' l -2003.

13. Is-sezzjoni tal-Qorti li skond dawn ir-Regolamenti u skond l-Ordni ta' l-2003 dwar it-Twaqqif tas-Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili għandha, skond in-natura ta' l-istess jew skond

il-ġurisdizzjoni territorjali tal-Qorti, tiegħu konjizzjoni ta' xi atti, rikorsi jew ċitazzjonijiet, għandha mal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti tiegħu konjizzjoni ta' dawk l-atti, rikorsi jew ċitazzjonijiet li minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti jew dak l-Ordni kienu, pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), u dan skond il-ġurisdizzjoni ta' kull waħda minn dawk is-sezzjonijiet skond dawn ir-Regolamenti u dak l-Ordni, b'dan illi minkejja kull ħaġa li hemm f'dawn ir-Regolamenti jew f'dak l-Ordni, il-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward ta' kull att, rikors jew ċitazzjoni pprezentati qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti u ta' dak l-Ordni, għandha tkun dik viġenti minnufih qabel l-istess data.".

Żieda ta' Skeda mar-regolamenti prinċipali.

**4.** Minnufih f'tarf ir-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied l-Iskeda li ġejja:

"Skeda

(Regolament 2 (a))

**Ordni ta' l-2003 dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili**

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2003 dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili.

(2) Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru, 2003.

Il-Qorti Ċivili jkollha tliet Sezzjonijiet.

**2.** Ikun hemm tliet sezzjonijiet fil-Qorti Ċivili li għandu jiġi assenjat lilhom, kif inhu provdut b'dan l-Ordni, il-kategorija ta' kawzi, li sa issa kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ċivili (Prim'Awla) u tal-Qorti Ċivili (Sekond'Awla), jew skond ma jista' jiġi assenjat lill-Qorti Ċivili b'kull liġi.

Sezzjonijiet.

**3.** Is-sezzjonijiet tal-Qorti Ċivili jkunu dawn, is-Sezzjoni tal-Familja, is-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja u s-sezzjoni ta' ġurisdizzjoni ġenerali li tissejjaħ il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

Assenjazzjoni ta' kawżi tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

**4.** Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':

Kap 16.

(a) Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;

(b) L-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti u Manteniment; Kap. 48.

(ċ) L-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment; Kap. 242.

(d) L-Att dwar iż-Żwieġ; u Kap.255.

(e) L-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustudja ta' Minuri. Kap. 410.

Assenjazzjoni ta' kawżi lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja),

**5.** Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) għandhom jiġu assenjati dawk ir-rikorsi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':

(a) Titoli III, V, VI u VII ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili; u Kap 16.

(b) Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

Assenjazzjoni ta' kawżi lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

**6.** Lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandhom jiġu assenjati l-kawżi kollha li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li ma jiġux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Ir-Reġistratur jassenja l-kawżi.

**7.** Bla ħsara għal kull regola tal-qorti jew ta' xi regolament, il-kawżi għandhom jiġu assenjati lis-sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili mir-Reġistratur skond il-kategorija li l-kawża tkun taqa' taħtha.

Il-Prim Imħallef jistabbilixxi s-Sezzjoni f'kawżi partikolari.

**8.** Meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk kawża għandhiex tiġi assenjata lil xi Sezzjoni waħda jew oħra tal-Qorti Ċivili, jew meta kawża tkun tinvolvi iktar minn kategorija waħda skond ma għandhom jiġu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Prim Imħallef li għandu mbagħad, in camera, jiddeċiedi dwar liema Sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża. Id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef għandha tiġi reġistrata fl-atti tal-kawża u tkun waħda finali.

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha.

**9.** Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 54 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jkun hemm fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha, żewġ Sezzjonijiet li rispettivament jissemmew "Is-Sezzjoni tal-Familja" u "Is-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali". Lis-Sezzjoni tal-Familja għandhom jiġu assenjati kawżi li jaqgħu fil-kompetenza ta' dik il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha u li huma regolati bid-disposizzjonijiet msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Ordni, u lis-

Sezzjonijiet ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali għandhom jiġu assenjati kawżi li jaqgħu fil-kompetenza ta' dik il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha li m'humiex assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew li dwarhom l-imsemmi artikolu 54 ta' l-imsemmi Kodiċi ma japplikax. L-artikoli 7 u 9 ta' dan l-Ordni għandhom *mutatis mutandis* ikunu applikabbli għar-rigward ta' kawżi li jaqgħu fil-kompetenza ta' l-imsemmija Qorti fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha għar-rigward ta' l-assenjazzjoni ta' kawżi lid-diversi Sezzjonijiet.".

**L.N. 9 of 2004**

## CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

## CIVIL CODE (CAP. 16)

### The Civil Court (Family Sections), The Civil Court (General Jurisdictions Section) and The Court of Magistrates (Gozo) (Superior Jurisdiction) (Family Section), (Amendment) Regulations, 2004

IN virtue of the powers conferred by articles 193A and 470 of the Code of Organization and Civil Procedure and by article 37 of the Civil Code, the Minister for Justice and Home Affairs has made the following regulations:

Citation and commencement.

**1.** (1) These regulations may be cited as the Civil Court (Family Section) The Civil Court (General Jurisdiction Sections) and The Court of Magistrates (Gozo) (Superior Jurisdiction) (Family Section), (Amendment) Regulations 2004 and shall be read and construed as one with the Civil Court (Family Section) The Civil Court (General Jurisdiction Sections) and The Court of Magistrates (Gozo) (Superior Jurisdiction) (Family Section) Regulations, 2003, hereinafter referred to as "the principal regulations".

(2) These regulations shall be deemed to have come into force on the 16th December, 2003.

Amendment of regulation 1 of the principal regulations and of title to principal regulations.

**2.** In regulation 1 of the principal regulations and in the title to the principal regulations for the words "The Civil Court (General Jurisdiction Sections)" there shall be substituted the word "First Hall of the Civil Court".

Addition of new regulation 13 to the principal regulations.

**3.** Immediately after regulation 12 of the principal regulations there shall be added the following new regulation 13:

"Transitory provision.

L.N. 396 of 2003.

13. The section of the Court which in accordance with these Regulations and in accordance with the Civil Courts (Establishment of Sections) Order, 2003 is according to the nature of the same and according to the territorial jurisdiction of the Court, is to take cognizance of any act, application or

writ of summons, shall on the coming into force of these regulations take cognizance of those acts, applications or writ of summons that immediately before the coming into force of these Regulations or that Order were pending before the First Hall of the Civil Court, the Second Hall of the Civil Court and the Court of Magistrates (Gozo) (Superior Jurisdiction), and this according to the jurisdiction of each of those sections in accordance with these Regulations and that Order, so however that notwithstanding anything in these Regulations or that Order, the procedures to be followed in respect of each act, application or writ of summons filed before the date of the coming into force of these Regulations or of that Order, shall be that in force immediately before that date.".

Addition of Schedule to the principal regulations.

**4.** Immediately at the end of the principal regulations, there shall be added the following Schedule:

"Schedule

(Regulation 2 (a))

**The Civil Courts (Establishment of Sections) Order, 2003**

Citation and coming into force.

**1.** (1) This Order may be cited as the Civil Court (Establishment of Sections) Order, 2003.

(2) This Order shall come into force on the 16th December, 2003.

Civil Court to have three Sections.

**2.** There shall be three sections in the Civil Court to which shall be assigned, as provided by this Order, the category of cases, hitherto falling within the jurisdiction of the Civil Court (First Hall) and the Civil Court (Second Hall), or as may be assigned to the Civil Court by any law.

Designation of Sections.

**3.** The sections of the Civil Court shall be the Family Section, the Voluntary Jurisdiction Section and a general jurisdiction section to be styled the First Hall of the Civil Court.

Assignment of cases of the Civil Court (Family Section).

**4.** To the Civil Court (Family Section) shall be assigned those cases falling within the competence of the Civil Court and which relate to matters regulated by:

(a) Titles I, and II and IV of Book First of the Civil Code; Cap. 16.

(b) The Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Ordinance; Cap.48.

(c) The Maintenance Orders (Reciprocal Enforcement) Act; Cap. 242.

(d) The Marriage Act; and Cap. 255.

(e) The Child Abduction and Child Custody Act. Cap. 410.

Assignment of cases to the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) Cap. 16.

**5.** To the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) shall be assigned applications falling within the Competence of the Civil Court and which relate to matters regulated by:

(a) Titles III, V, VI and VII of Book First of the Civil Code; and Cap. 16.

(b) Part II of Book Second of the Code of Organisation and Civil Procedure; Cap. 12.

Assignment of cases to the First Hall of the Civil Court.

**6.** To the First Hall of the Civil Court shall be assigned all cases within the competence of the Civil Court and not assigned to the Family Section or the Voluntary Jurisdiction Section.

Registrar to assign cases.

**7.** Subject to any rules of court or to any regulation, cases shall be assigned to the different sections of the Civil Court by the Registrar in accordance with the category to which the case refers.

Chief Justice to determine Section in particular cases.

**8.** Where any dispute arises as to whether a case should be assigned to one section or another of the Civil Court, or where a case involves more than one category falling to be assigned to different sections of the Civil Court, the matter shall be referred to the Chief Justice who shall, in camera, determine the section to which the case shall be assigned. The determination by the Chief Justice shall be registered in the records of the case and shall be final.

Court of Magistrates (Gozo) in its Superior Jurisdiction.

**9.** Without prejudice to the provisions of article 54 of the Code of Organisation and Civil Procedure there shall be in the Court of Magistrates (Gozo), in its Superior Jurisdiction, two Sections be to be styled respectively "The Family Section" and "The General Jurisdiction Section". To the Family Section shall be assigned cases falling within the competence of that Court in its Superior Jurisdiction and which are regulated by the provisions referred to in paragraphs (a) to (e) of article 4 of this Order, and to the General Jurisdiction Sections shall be assigned cases falling within the competence of the said Court in its Superior

Jurisdiction which are not assigned to the Family Section or to which the said article 54 of the said Code does not apply. Articles 7 and 9 of this Order shall mutatis mutandis apply with respect to cases falling within the competence of the said Court in its Superior Jurisdiction with regard to the assignment of cases to the various Sections.”.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 16ċ – *Price 16c*